- *RILAXX TA' MERKANZIJA –*
- *ORDINANZA TAD-DWANA; KAP 37 -*
- *REGOLAMENTI TA' L-1966 DWAR IL-PORTIJIET –*
- *ARTIKOLI 12; 19 U 20 TAL-KAP 37 –*
- *NESS TA' KAZWALITA' –*
- *ARTIKOLU 1031; 1032; 1033 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Kawza Numru: 10**
**Citazzjoni Numru: 185/90/RCP**

**Mario Magri**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-7 t'Ottubru 1987 l-attur kien importa *lorry* u sittin (60) *second hand amusement machines* u kien debitament iddenunzja d'dhul f'Malta ta' dawn l-oggetti lill-awtoritajiet kompetenti;

Illi l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija baqa' ma tax lill-attur il-licenzja mehtiega sabiex ihaddem l-*amusement machines* waqt li hareg favur terzi persuni licenzi simili; u l-konvenut l-iehor il-Kontrollur tad-Dwana ma halliex lill-attur johrog la l-*lorry* u lanqas l-*amusement machines* mid-Dwana;

Illi mill-jum li l-oggetti msemmija waslu Malta sal-lum, dawn baqghu jinzammu depozitati taht il-kustodja tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana;

Illi kemm ilhom depozitati f'idejn il-konvenut Kontrollur tad-Dwana lil dawn l-oggetti kollha, kemm lill-*amusement machines* kif ukoll lill-*lorry*, saritilhom hsara irreparabbli billi l-istess konvenut naqas mill-jharishom kif hu obbligat li jaghmel skond il-ligi;

Illi minhabba l-agir tal-konvenuti, l-attur sofra danni konsistenti kemm f'*damnum emergens* ekwivalenti ghall-prezz ta' l-oggetti meqruda u l-ispejjez sabiex ingiebu

Malta, kif ukoll f'*lucrum cessans*, ekwivalenti ghall-qliegh li kien jaghmel l-attur kieku nghata l-licenzja, kif inghatat lil haddiehor u li lilu kienet mizmuma abbusivament, sabiex ihaddem l-oggetti importati;

Illi permezz ta' Ittra Ufficcjali tas-17 ta' Jannar 1990 li giet notifikata lill-konvenuti fit-23 ta' Jannar 1990, l-attur sejhilhom ghal dak kollu li tghid u trid il-Ligi, sabiex fi zmien ghaxart' ijiem jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni li hu sofra bi htija taghhom, izda l-konvenuti baqghu ghal kollox inadempjenti, u ghalhekk l-attur issa jista' jmexxi skond il-Ligi.

Illi l-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghala m'ghandiex din l-Qorti:

1. tiddikjara abbusiv u diskriminatorju r-rifjut tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li johrog favur l-attur il-licenzja li jhaddem l-*amusement machines* meta kien hareg licenza simili favur terzi persuni;

2. tiddikjara illegali u abbusiv ir-rifjut tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana li ma jhallix lill-attur johrog il-*lorry* u l-*amusement machines* mid-Dwana;

3. konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuti huma, jew min minnhom huwa, responsabbli ghad-danni konsistenti f'telf ta' qliegh li sofra l-attur;

4. tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan anke permezz ta' periti li jinhatru ghalhekk, jekk ikun il-kaz;

5. tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom huwa responsabbli sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati;

6. tiddikjara illi l-konvenut Kontrollur tad-Dwana naqas milli jhares sew u skond il-Ligi l-oggetti ta' l-attur depozitati f'idejh, ghalhekk huwa responsabbli ghall-hsara li saritilhom kemm damu hekk depozitati;

7. tillikwida dawn id-danni billi tiddikjara li jikkonsistu f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan anke permezz ta' periti li jinhatru ghalhekk, jekk ikun il-kaz;

8. tikkundanna lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana sabiex ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficcjali tas-17 ta' Jannar 1990, kontra l-konvenuti li huma mharrkin ghas-subbizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma kienux responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-attur u ma jirrispondux ghalihom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-6 ta' April 1990, tal-4 ta' Mejju 1990 fejn xehed l-attur, tas-6 ta' Gunju 1990, tal-5 ta' Ottubru 1990, tas-7 ta' Novembru 1990 fejn xehed Alfred Pace, tal-21 ta' Jannar 1991 fejn xehed John Said, tal-15 ta' Marzu 1991 u tal-10 ta' Mejju 1991 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tal-10 ta' Mejju 1991 u d-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Mejju 1991 fejn irriappuntat il-kawza ghas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1991.

Rat il-verbali tas-7 t'Ottubru 1991, tal-25 ta' Novembru 1991 fejn l-attur ta ruhu notifikat bil-mozzjoni tar-riappuntament tal-kawza, tal-21 ta' Frar 1992 fejn xehed Paul Gauci, tat-13 ta' April 1992, tal-15 ta' Gunju 1992, tat-13 ta' Novembru 1992 u tal-5 ta' Frar 1993 fejn l-attur u d-difensur tieghu msejha ma dehrux, u l-Qorti wara li rat l-**Artikolu 199 (1) tal-Kap 12** ordnat it-thassir tal-kawza minn fuq il-lista a spejjes tal-attur.

Rat ir-rikors tal-attur tal-5 ta' Frar 1993 u d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Frar 1993 fejn il-Qorti in vista tad-digriet moghti

llum wara r-rikors tal-attur ipprezentat fid-9 ta' Frar 1993 iddikjarat li m'hemmx lok ghal provvediment dwar dan ir-rikors.

Rat ir-rikors tal-attur tad-9 ta' Frar 1993 u d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Frar 1993 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-seduta tas-26 ta' April 1993.

Rat il-verbali tas-26 ta' April 1993 fejn xehed John Cauchi, tat-23 ta' Gunju 1993, tal-24 ta' Novembru 1993 fejn xehed l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Joseph Gauci u l-kontendenti qablu li f'din il-kawza tigi esebita kopja tad-deposizzjoni moghtija mix-xhud l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Joseph Gauci quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-proceduri **"Il-Pulizija vs Mario Magri**".

Rat in-nota tal-Avukat Dr John Attard Montalto tad-29 ta' Novembru 1993 fejn irrinunzja ghall-patrocinju tal-attur.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 1994.

Rat in-nota tal-attur tat-22 ta' Frar 1994 (fol. 117) fejn permezz taghha esebixxa kopja ufficcjali tax-xhieda moghtija mill-Assistent Kummissarju Joseph Gauci fil-kawza kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mario Magri".

Rat il-verbali tal-4 ta' Mejju 1994 u tal-5 ta' Ottubru 1994.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 1995 fejn l-Imhallef Giannino Caruana Demajo astjena milli jkompli jisma din il-kawza skond kif jghid l-artikolu 734 (d) (i) tal-Kodici Civili.

Rat id-digriet tal-Qorti ippresjeduta mill-Imhallef Albert Manche` tat-3 ta' Frar 1995 fejn irriappunta l-kawza ghas-smiegh ghat-3 t'April 1995.

Rat il-verbali tat-3 ta' April 1995, tat-23 t'Ottubru 1995, tal-25 ta' Marzu 1996, tal-4 ta' Dicembru 1996, tas-27 ta' Jannar 1997 fejn xehed John Ellul Sullivan, tat-3 ta' Marzu 1997 fejn Dr Anthony Ellul ghall-attur iddikjara li ma fadallux aktar provi salv li jipprezenta prospett minn fejn ghandu jirrizulta d-danni allegatament sofferti mill-attur u liema prospett ser jigi konfermat bil-gurament, u tas-7 ta' April 1997.

Rat in-nota tal-attur tas-6 ta' Mejju 1997 (fol. 165 sa 167).

Rat il-verbal tat-12 ta' Mejju 1997 fejn xehed l-attur Mario Magri, ikkonferma bil-gurament tieghu in-nota prezentata minnu fis-6 ta' Mejju 1997 u Dr Ellul ghall-istess iddikjara li m'ghandux aktar provi.

Rat il-verbali tal-5 ta' Dicembru 1997, tat-30 ta' Marzu 1998 u tat-22 ta' Gunju 1998 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-8 ta' Jannar 1999.

Rat il-verbali tat-8 ta' Jannar 1999 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-5 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza biex il-partijiet jitrattaw mill-gdid il-kaz minhabba li l-Qorti hija diversament ippresjeduta, tal-10 ta' Gunju 1999, tal-4 ta' Novembru 1999 fejn Dr Peter Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolo ghad-9 ta' Frar 2000, u tad-9 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li ghandha bzonn kjariment mill-partijiet dwar certi fatti u wkoll ghandha bzonn li d-difensuri tal-partijiet jindikaw l-Artikoli u l-Ligi li fuqhom qed jibbazaw il-posizzjoni taghhom.

Rat in-nota konguntiva ta' Dr Frank Cassar u Dr Anthony Ellul tas-7 ta' Marzu 2000 fejn irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-attur.

Rat il-verbali tal-11 ta' April 2000, tal-21 ta' Gunju 2000 fejn in vista tal-verbal tat-18 ta' Mejju 2000 u in vista tal-fatt li la deher l-attur u lanqas id-difensur tieghu il-Qorti ddifferiet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur tas-6 ta' Lulju 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Lulju 2000 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-26 ta' Ottubru 2000.

Rat il-verbali tas-26 t'Ottubru 2000 u tal-14 ta' Dicembru 2000.

Rat in-nota tal-konvenuti tad-29 ta' Dicembru 2000 (fol. 193 sa 203).

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2001 fejn Dr Gulia ghall-attur informa l-Qorti li pprezenta nota fir-Registru.

Rat in-nota ta' l-attur tat-13 ta' Frar 2001 (fol. 205).

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2001 fejn Dr Gulia talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet, il-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet terminu ta' erbghin (40) jum ghall-prezentata tal-istess nota lill-attur bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum ghan-nota responsiva u ddifferiet il-kawza ghat-28 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tat-29 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. VERTENZA ODJERNA.

Illi l-attur qed jallega li fis-7 ta' Ottubru 1987 huwa importa *lorry u* sittin (60) *amusement machine,* li kien iddenunzja

id-dhul taghhom Malta, izda il-Kummisarju tal-Pulizija ma harigx licenzja lill-attur ghat-thaddim tal-istess magni, mentri min-naha tieghu l-konvenut l-iehor l-Kontrollur tad-Dwana ma halliex lill-attur johrog l-istess oggetti, bil-konsegwenza li l-istess oggetti baqghu sallum fil-kustodja tal-istess Kontrollur tad-Dwana, u minhabba f'hekk l-istess attur sofra danni kemm minhabba l-hsara li saret fihom, konsistenti fil-prezz tal-istess oggetti, u kif ukoll fit-telf ta' qliegh li sofra l-istess attur minhabba l-fatt li ma setghax ihaddem l-istess magni, kawza tal-fatt li ma inghatatx licenzja lilu biex ihaddem l-istess *amusement machines,* liema permess inghata lill-terzi, u ghalhekk saret din il-kawza biex jigi dikjarat abbusiv l-agir taz-zewg konvenuti, kemm li ma inhargitx licenzja ghall-istess magni, u kemm li l-istess oggetti ma thallewx jidhlu Malta, u wkoll saru talbiet sabiex l-istess konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba tali agir tal-konvenuti.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti sostnew li huma dejjem agixxew skond il-ligi, u l-fatt li l-oggetti ma gewx rilaxxati sallum kien dovut ghall-fatt li l-attur naqas li jiddikjara l-istess sittin (60) *amusement machine* fur formula tad-Dwana numru 2, u hekk naqas li jaghmel nonostante li gie interpellat permezz ta' zewg ittri datati 8 ta' Gunju 1988 u 5 ta' Lulju 1988.

Illi fil-fatt l-attur fetah din il-kawza wara sentejn u erba' xhur minn meta l-istess oggetti waslu Malta, u l-attur qatt ma

talab li jaghmel manutenzjoni tal-istess oggetti, li hija l-prassi Malta.

**B. <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi l-**attur** sostna li l-importazzjoni tal-istess magni ilha permessa minn 1964. Huwa sostna li kien xtara l-istess magni fl-Ingilterra bil-prezz ta' stg 450 il-wahda u ghabbihom fuq *lorry* li kien xtara bil-prezz ta' stg 700, u *freight* hallas Lm920, u is-*shipping agency* kienet *Sullivan Shipping Agency Limited*. Skond l-istess attur dawn il-magni kienu dikjarati fuq il-manifest tal-vapur.

Illi meta wasal Malta huwa kien informat li ma kienx ser jithalla jirtira l-oggetti ghaliex skond Alfred Pace, Assistent Kontrollur tad-Dwana, ma kienx iddikjara fuq il-manifest il-*personal effects* li kellu fuq il-*lorry*. Lesta id-dokumenti necessarji u fil-fatt dawn l-oggetti personali gew irtirati minnu. Dwar l-*amusement machines* dan qallu li kienu qed jigu investigati sabiex jara jekk kienux *gambling machines.* Sadanitant kellem lill-istess Alfred Pace sabiex jibghat l-istess magni l-Ingilterra, pero' dan irrispondieh li dan ma setghax issir.

Illi l-istess attur sostna li qabel ma mar l-Ingiltera huwa kien applika ghall-*import licence*, izda meta gie lura Malta sab li kienet harget biss licenzja ghall-*lorry* u mhux ghall-magni. Joseph Gauci, Supretendent tal-Pulizija kien qallu li ma kienxu ser jinhargu licenzji. Nonostane dan, wara xi

hmistax li l-istess oggetti kienu Malta, sar jaf li kienet harget licenzja favur is-socjeta' Future Electronics ghall-importazzjoni ta' hamsin (50) *amusement machine*, u wara xi xahrejn kienet inharget licenzja ohra favur Publius Said & Sons Limited.

Illi fl-ahharnett qal li l-permess biex jirtira l-istess *machines* inghatat lilu erba' xhur qabel ma huwa xehed fl-4 ta' Mejju 1990, izda peress li dawn saru antiki u lkoll kienet saritilhom hsara, huwa baqa' ma irtirahomx. Dwar il-*lorry* sostna li inghata il-permess, izda meta mar biex jirtirah sab li kien baqa' biss il-*body*, u dwar il-magni sostna li ma ddikjarahomx fuq il-*customs entry* ghaliex ma kellux l-*import licence* ghalihom.

Illi in sostenn tax-xhieda tieghu l-istess attur esebixxa diversi dokumenti fosthom Dok. "B" konsistenti f'dokument minn Sullivan Shipping Agencies Limited datat 5 ta' Ottubru 1987 fejn jindika l-*freight* imhallas fuq l-istess *lorry* u 72 *second hand amusement machines* fuq *Declaration Order* 1807, iehor datat 22 ta' Lulju 1988 ghall-*lorry* biss fuq Declaration Order 2819 esebit bhal Dok. "B2"; iehor tal-istess data u *Declaration Order* fuq 60 *amusement machines* esebit bhala Dok. "B3", u *importation licence* ittimbrata 13 ta' Novembru 1987, fuq applikazzjoni datata 9 ta' Ottubru 1987 mill-attur relattiv ghall-*lorry* biss u esebita bhala Dok. "F" a fol. 30 tal-process; u formula tad-Dwana Numru 32 abbazi ta' liema l-istess *lorry* fit-28 ta' Ottubru

1988 tqeghdet fid-depost tal-Gvern skond il-**paragrafu 92 tar-Regolamenti tal-Port tal-1996**.

Illi **Alfred Pace** xehed fis-7 ta' Novembru 1990, u kien fin-1987 *Assistent Head* tad-Dipartiment tad-Dwana, u sostna li skond il-manifest tal-vapur kien hemm fuq l-istess trakk *72 amusement machines*, u id-Dipartiment tad-Dwana irrifjuta li jirrilaxxa l-istess merkanzija stante li kien hemm diskrepanza ghal dak li huwa numru tal-istess magni, ghaliex fil-fatt kien hemm biss 60 fuq l-istess trakk.

Illi l-merkanzija waslet Malta f'Settembru 1997, f'Ottubru 1997 it-trakk ittiehed minn Laboratory Wharf ghal Shed 2, Deep Water Quay, u f'nofs Novembru 1987 giet ipprocessata l-*entry* tad-Dwana ghat-trakk biss u peress li l-attur ma segwiex l-ipprocessar tal-istess u ma hallasx il-*valutation* u d-dazzju, l-istess trakk ma giex rilaxxat. F'Mejju 1988 inhatt it-trakk u instab li kien hemm *60 amusement machines* biss u *personal effects*, u inhatt fin-New Port Bonded Stores.

Illi l-attur intalab sabiex jaghti spjegazzjoni ghaliex fl-*entry* tad-Dwana ma kienx gie dikjarat il-kontenut kollu tal-istess trakk, sabiex issir emenda fil-manifest, u sabiex tingieb licenzja ghall-*household goods*. Illi intbaghtet *reminder*, u l-attur ghamel *entry form* u hallas id-dazzju ghall-*personal effects u household goods* biss, u sallum l-istess attur la pprezenta *entry form* u lanqas *import licence* dwar l-istess

magni. L-attur ma setghax jibghat l-istess oggetti lura ghaliex kien hemm diskrepanza fil-manifest.

Illi l-istess xhud qal li normalment tohrog *siezure note*, izda f'dan il-kaz ma hargitx pero' skond il-***Customs Ordinance*** meta oggetti idumu tlett xhur il-moll dawn isiru tal-Gvern. L-*import licence* kellha tinhareg mid-Dipartiment tal-Kummerc u mhux mid-Dipartiment tad-Dwana. *Import licence* u *entry form* tal-istess magni qatt ma kienet inharget jew giet presentata.

Illi **John Said** xehed fil-21 ta' Jannar 1991 u sostna li fil-21 ta' April 1989 huwa kien applika mad-Dipartiment tal-Kummerc sabiex tinhariglu *import licence* ghal *pin table machines* u din harget fl-24 ta' April 1989, kif jidher mid-dokument "JS" a fol. 54 tal-process. Din l-licenzja tohrog wara l-approvazzjoni tal-applikazzjoni mill-Kumissarju tal-Pulizija u din harget fil-21 ta' April 1989.

Illi **Paul Gauci**, Assistent Kap tad-Dipartiment tad-Dwana sostna fil-21 ta' Frar 1992, li fil-26 ta' Mejju 1988 huwa kien *Administration Officer* fin-*Newport Bonded Stores* u hemm gabu merkanzija sabiex tinzamm taht *safe custody* bin-numru 40/88 konsistenti fit-trakk Leyland numru UKM 998 li kien mghotti b'incirata kbira, liema trakk inhatt u fih kien hemm 60 magna, u *household goods* u *personal effects*, u dawn gew depozitati fl-imhazen tal-Gvern, u kienu jsejhu lill-attur ta' 22, Alley 2, St. Raphael Street, Qormi.

Illi sussegwentement l-oggetti kollha hlief it-trakk, is-60 magna u zewg *stands* tal-hadid gew irtirati wara li giet ipprezentata l-*entry form* tad-Dwana numru 93570 datata 15 ta' Lulju 1988. Joseph Camilleri tal-*Board of Valuation* tad-Dwana kien stabbilixxa li l-istess magni kollha kellhom *joysticks* u ghalhekk kienu *amusement machines*. It-trakk thalla barra w espost ghall-elementi u tpogga fi *closed area*. L-magni ghadhom fi *store* numru 13.

Illi **John Cauchi, Senior Inspector fid-Dipartiment tad-Dwana** xehed fis-26 ta' April 1993, quddiem l-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale li kien qed jippresjedi l-kawza, li mill-file numru 758/88 tad-Dwana jirrizulta li kien hemm kopja tal-original tal-*import licence* numru 7144475 mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc tat-12 ta' Novembru 1987 sabiex l-attur idahhal Malta *"one used truck second hand",* kif ukoll *duty entry* maghrufa bhala *Form Two (2)* datata 13 ta' Novembru 1987 ghall-istess trakk uzat, u l-istess magni, mertu tal-kawza odjerna ma jissemmew xejn fl-istess dokumenti. Fl-24 ta' April 1990 Joseph Crocker u Joseph Camilleri, marru jaraw 60 *amusement machines* f'Newport Bonded Stores.

Illi fl-24 ta' Novembru 1993 xehed **Joseph Gauci, Assistant Kummissarju tal-Pulizija**, li sostna li mill-1990 huwa kien responsabbli ghall-hrug tal-licenzji tal-*amusement machines*, mentri bejn in-1987 u 1990 l-Assistent Kummissarju Paul Attard kien responsabbli tal-

istess, ghalkemm huwa ukoll kien involut bhala Supretendent.

Illi bhala procedura id-Dipartiment tal-Kummerc johrog il-licenzji ta' importazzjoni, pero' qabel jitlob il-parir tal-Pulizija dwar importazzjoni ta' *amusement machines*; fil-fatt dawn il-kummenti kienu isiru fuq l-applikazzjoni li ssir mill-applikant u wara din tittiehed id-Dipartiment tal-Kummerc. Il-*policy* tad-Dipartiment tal-Pulzija bejn in-1987 u 1993 kienet li *amusement machines* ma tinghatax l-approvazzjoni hlief f'kazi ta' eccezzjoni, bhal fil-kaz ta' Future Enterprises, li peress li kellha interessi Taljani u Maltin, u giet allokata *premises* mill-M.D.C. sabiex timmonta dawn l-magni, u l-magni li kienu jidhlu kienu jigu *knocked down*. F'dan iz-zmien kien hemm 42 applikazzjoni ghall-importazzjoni ta' *amusement machines* u l-ebda wahda minnhom ma giet approvata, u wahda minnhom in-numru 39 kienet tal-attur, u ohrajn ta' Camiliac, Vanguard u Publius & Leo Said Limited. Jaf li kien hemm bejn 600 jew 700 licenzjati f'xi zmien.

Illi **John Ellul Sullivan, Chairman tas-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited** xehed quddiem l-Onorevoli Imhallef Albert Manche' fis-27 ta' Jannar 1997 fejn ikkonferma *delivery note* datata 5 ta' Ottubru 1987 ghall-attur ghax-xoghol li gie bil-vapur *Frecce del Nord* minn Southampton; wara saret *correction* u hargu zewg *delivery notes* ohra fuq l-istess xoghol wahda ghall-*Leyland AEC Lorry* u l-ohra ghall *amusement machines.* Illi mill-istess

*delivery orders* l-ewwel wahda biss minnhom giet *stamped* mill-*Customs* f'Novembru 1997, u l-ohrajn ma gewx ittimbrati u dan ifisser li dawn ma gewx presentati ghalkemm jista' jkun li gie mizmum ix-xoghol. Kien hemm disprekanza bejn l-ewwel wahda tal-5 ta' Ottubru 1997 u t-tnejn l-ohra tat-22 ta' Lulju 1998, u ghalhekk kien hemm xi haga li ma kienux fuqha huma. Id-dokumenti relattivi ghall-*delivery orders* orginali jinsabu esebiti bhala Dok. "AC"', "BC", "CC", u "DC" rispettivament a fol. 158 sa fol. 151 tal-process.

Illi fis-6 ta' Mejju 1997 l-attur permezz ta' nota pprezenta prospett tad-danni a fol. 165 u 166 tal-process.

Illi fit-12 ta' Mejju 1997 xehed l-**attur** in kontro-ezami qal li dokumenti lid-Dwana fuq l-*amusement machines* ma pprezentax, imma biss ghall-licenzja tat-*trailer* ghaliex il-Pulizija ma tawhx permess sabiex idahhal l-istess magni u ghalhekk ma setghax immur ghand id-Dipartiment tad-Dwana. Applikazzjoni tad-Dwana baqa' ma ghamilx, u fil-fatt inghata biss licenzja sabiex johrog it-*trailer.*

### C. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO*.

Illi f'din il-kawza l-attur qed jallega li huwa importa trakk u *60 amusement machines* li kien debitament iddenunzja d-dhul taghhom f'Malta, izda minkejja dan il-Kummissarju tal-Pulizija ma harigx il-licenzja relattiva, u li l-Kontrollur tad-Dwana ma halliex lill-attur johrog l-istess merkanzija.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fuq il-manifest tal-vapur, meta dan gie ezaminat mill-ufficcjali tad-Dwana, inkluz Alfred Pace, irrizulta li fuq il-manifest l-attur kellu jnizzel Malta trakk b'72 *amusement machines* fuqu, izda meta l-ufficcjali tad-Dwana ezaminaw l-istess oggetti sabu li kien hemm biss 60 *amusement machines*.

Illi l-attur permezz ta' zewg ittri datati 8 ta' Gunju 1988 u 5 ta' Lulju 1988 gie mitlub sabiex jaghti spjegazzjoni ghaliex kien hemm din id-diskrepanza bejn l-istess manifest u l-kontenut tal-istess trakk, fis-sens li ma gewx dikjarati il-*household goods* li kien hemm fl-istess trakk, ghaliex id-dettalji tal-oggetti fuq l-istess trakk ma kienux jaqblu ma dak li kien hemm fl-istess trakk, u dan kien jirreferi kemm ghall-*household goods* u kemm ghan-numru inqas ta' *amusement machines* minn dak dikjarat, u wkoll sabiex jippresenta licenzja ghall-*household goods.*

Illi dwar dan l-istess attur ma jidhirx li ta' risposta, hlief li hareg licenzja biss ghall-*personal effects,* tant li mid-dokumenti esebiti jidher li jirrizulta li huwa minnu dak li gie allegat mill-konvenuti, li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont ta' magni dikjarati fil-manifest u dawk li effettivament gew Malta, tant li jirrizulta li f'Malta kellhom jigu 72 magni, mentri fil-fatt inhattu minn fuq it-trakk biss 60 magna.

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat mid-*delivery note* datata 5 ta' Ottubru 1987 esebita a fol. 158 tal-process u ittimbrata mid-Dwana fit-13 ta' Novembru 1987, fejn l-istess *shipping agents* Sullivan Shipping Agencies Limited iddikjaraw li kienu destinati ghall-attur *"1 second hand Leyland AEC lorry with 72 second hand amusement machines"* din relattiva ghad-*Declartion Order* numru 1807*.* Illi ghal dan saret korrezzjoni permezz ta' zewg *delivery notes* separati datati rispettivament 22 ta' Lulju 1998, relattivi it-tnejn ghal *Declaration Order* Numru 2819, fejn *delivery note* minnhom tirreferi ghal 60 *amusement machine* u ohra ghal *S/H Leyland AEC Lorry*, liema *delivery notes* ma jidhrux li gew presentati lill-Awtoritajiet u dan kif jidher ukoll mix-xhieda ta' John Ellul Sullivan, *chairman* tal-istess socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll li l-istess attur qatt ma ippresenta *duty entry form* relattiva ghall-istess *amusement machines* u din hija dovuta wkoll ghall-istess diskrepenza li kienet tezisti bejn dak li gie indikat li kellu jasal Malta rigward in-numru tal-istess magni, dikjarati fil-manifest, u dak li effettivament gie Malta, ghal liema diskrepanza l-istess attur qatt ma ta spjegazzjoni lill-istess konvenuti anke meta gie mitlub jaghmel dan permezz ta' ittri direttament indirizzati lilu fit-8 ta' Gunju 1988 u 5 ta' Lulju 1988, u fil-fatt qatt ma giet esebita l-ebda risposta ghall-istess zewg ittri.

Illi mhux hekk biss izda jidher li l-ebda dokumenti ma gew pprezentati lid-Dipariment tad-Dwana in konformita' mat-

talba tal-attur sabiex tali oggetti jkunu jistghu jigu importati, tant li fil-fatt l-ebda dokument maghruf bhala *Form Two* u *duty entry form* ma giet ipprezentata f'dawn l-atti, u lanqas lid-Dipartiment tad-Dwana, inkluz il-*licenzja* relattiva mid-Dipartiment tal-Kummerc, ghall-importazzjoni tal-istess magni jew *amusement machines*.

Illi din hija ammessa mill-attur innifsu li sostna li:-

*"Jiena amusement machines ma ddikjarajthomx fuq il-customs duty entry form ghaliex ma kellix l-import licence dwarhom".*

Illi huwa ovvju li f'dan il-kuntest, la darba d-dokumenti kienu juru li kellhom jigu Malta numru ta' *amusement machines*, meta fil-fatt instab li kien inqas, kien dejjem ta' ostakolu ghall-attur, sabiex jottjeni l-permessi necessarji sabiex tali merkanzija tigi rilaxxata, u dan, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kien l-ostakolu principali tal-attur, ghall-importazzjoni tal-istess oggetti, ghaliex qatt ma issodisfa lill-Awtoritajiet, kemm dwar ir-raguni ghaliex kien hemm din id-differenza fin-numru tal-istess magni, u kemm ghaliex tali zball ma jidhirx li qatt gie rettifikat, tant li d-*delivery notes* relattivi, li kienu jikkombaccjaw man-numru li effettivament instab f'Malta, qatt ma gew prezentati lill-Awtoritajiet tad-Dwana.

Illi mhux hekk biss izda jidher li d-dokumenti ghall-importazzjoni tal-istess *amusement machines* qatt ma gew ipprezentati mill-attur, u dan huwa addirittura ammess

minnu nnifsu, tant li fil-fatt jirrizulta li l-istess attur qatt ma pprezenta l-ebda *duty entry form* fir-rigward tal-istess *amusement machines,* u s-sitwazzjoni baqghet hekk sallum, anke peress li l-istess oggetti qatt ma kienu koperti b'*import licence* relattiva mid-Dipartiment tal-Kummerc.

Illi fil-fatt mix-xhieda ta' John Gauci, *Senior Inspector fid-Dipartiment tad-Dwana,* jirrizulta li meta huwa ghamel riferenza ghall-*file* tad-Dipartiment tad-Dwana li jitratta dwar il-kaz in kwistjoni, *File No. 758/88* jirrizulta li l-licenzja ta' importazzjoni relattiva numru 714475 mahruga mid-Direttur tal-Kummerc fit-12 ta' Novembru 1997 f'isem Mario Magri, kienet tirreferi biss ghal *"one used truck second hand".*

Illi l-istess xhud kompla jghid fis-seduta tas-26 ta' April 1993 li:-

*"Barra minn dan mill-istess file jirrizulta li l-imsemmi Mario Magri ghamel duty entry tad-Dwana maghrufa bhala 'form two' u din hija datata tlettax ta' Novembru 1987 u ghar-rigward tal-istess 'used truck'".*

*"Fid-dokumenti li jiena ghamilt riferenza ghalihom l-isemmija sixty machines ma jissemmewx. Jirrizulta mill-imsemmi file li dawn il-machines kienu fil-used truck li semmejt".*

Illi jidher li dan huwa kontra dak li jipprovdi l-**artikolu 12 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi li:-

*"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7, l-importatur ta' oggetti jew min jidher ghalih ghandu, qabel l-isbark taghhom, jaghmel dikjarazzjoni shiha tal-oggetti, billi jikkunsinna lill-Kontrullur dikjarazzjoni skond il-Formula Numru 2, 3, jew 4 li hawn ma din l-Ordinanza (jew f'forma ohra jew b'mod iehor kif jigi b'regolamenti ordant mill-Ministru responsabbli ghad-Dwana) skond jekk ikunu oggetti li jaqghu taht dazju ta' importazzjoni u ddestinati biex jigu kkunsinnati ghall-konsum f'Malta fiz-zmien tal-izbark taghhom mill-bastiment li gabhom, jew iddestinati biex jigu mqgheda fid-depost minghajr hlas ta' dazju fiz-zmien ta' l-ewwel dikjarazzjoni taghhom … … …".*

Illi ta' rilevenza ghall kaz in kwistjoni huwa wkoll l-**artikolu 16 (2) tal-Kap 37** li jipprovdi li:-

*"L-importatur jew min jidher ghalih ghandu jipprezenta lill-Kontrollur jekk ikun hekk mitlub minnu, poloz ta' kargu, u kull dokument iehor dwar l-oggetti".*

Illi dan huwa suplementat b'dak li jipprovdi **l-artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Port tal-1966** li jipprovdi li qabel ma tkun tista' ssir il-konsenja tal-oggetti, il-konsennatarju jew l-agent tieghu ghandu jaghti lill-Kontrullur tad-Dwana dawk id-dokumenti hemm indikati fosthom, dik elenkata f'paragrafu (c) tal-istess, u cioe' *"id-dikjarazzjoni tad-Dwana, mghoddija kif imiss mill-Kontrollur tad-Dwana".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana fil-fatt ma tax il-permess lill-attur sabiex jirtira l-istess merkanzija stante li l-istess attur ma kellux d-dokumenti relattivi ghall-importazzjoni tal-istess *amusement machines* u ghalhekk kontrarjament ghal dak allegat mill-attur l-istess konvenut kien qed jagixxi fit-termini tal-ligi meta ma tax l-awtorizzazjoni necessarja ghall-hrug tal-istess oggetti.

Illi kwantu ghat-trakk jidher li tali *customs duty entry* saret fid-9 ta' Ottubru 1987 skond licenzja ta' importazzjoni numru 714475 u din kienet relattiva biss ghall-*"used truck (second hand)"* u ttimbrata mid-Dipartiment tal-Kummerc fit-12 ta' Novembru 1987 u mid-Dipartiment tad-Dwana fit-13 ta' Novembru 1987, izda l-istess *truck* xorta ma giex irtirat mill-attur, stante li skond ix-xhieda ta' Alfred Pace, *Assistent Head,* fid-Dipartiment tad-Dwana, dan sostna li *"ma jirrizultax li l-attur kompla bil-procedura ghar-rilaxx tat-truck jigifieri li jhallas il-valuation u d-dazju dovut"* u wkoll li *"dwar it-truck, kif diga ghidt, hu kien ghamel l-entry form, pero' ma jirrizultalix li kien hallas id-dazzju".* Illi ghalhekk f'dan il-kuntest l-istess Kontrollur tad-Dwana kien gustifikat li ma jirrilaxxjax l-istess vettura lill-attur, stante li huwa naqas li jikkonfroma ruhu mal-ligi anke f'dan ir-rigward.

Illi ovvjament la darba din hija is-sitwazzjoni, l-istess merkanzija *ai termini* tal-**artikolu 19 tal-Kap 37** tista' titiehed f'depozt tal-Gvern, u jekk l-istess oggetti ma jigux irtirati mill-importatur fit-termini indikati fl-**artikolu 20 tal-istess Kap 37,** dawn l-oggetti jistghu jinbieghu jekk ma

jithalsux l-ispejjez hemm indikati nkulzi dawk tal-garr, nol, magazzinagg, u dazju *eccetera.*

Illi dan huwa supplimentat mill-fatt li skond l-**artikolu 92 tar-Regolamenti tal-Port tal-1966** *"oggetti importati li dwarhom ma jkunux gew ipprezentati dokumenti kompliti skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 77 ta' dawn ir-regolamenti … … jistghu jigu mcaqalqa fid-depozt ….".*

Illi jidher li dan sar skond il-Formula tad-Dwana Numru 32 fis-27 ta' Ottubru 1988, liema formula tinsab esebita bhala Dok. "G" a fol. 33 tal-process, u dwar l-istess depozitu japplikaw il-kondizzjonijiet indikati **fl-artikolu 85 tal-istess Regolamenti tal-1966.**

Illi dwar l-allegazjoni l-ohra li l-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija ddeskrimina kontra l-attur stante li ma harigx il-licenzji relattivi sabiex jithadmu l-istess *amusement machines* lill-attur, meta fil-fatt dawn inhargu favur terzi, jirrizulta mill-provi, li fl-ewwel lok li l-istess attur qatt ma kellu rigward l-istess oggetti d-dokumentazzjoni ghall-importazzjoni tal-istess in regola, u hawn issir riferenza ghal dak li inghad iktar il-fuq dwar in-nuqqasijiet da parte tal-attur sabiex jigu identifikati l-oggetti li huwa ried jimporta, kemm f'dak li huwa manifest tal-vapur, *delivery orders,* u wkoll nuqqas ta' *duty entry* tad-Dwana w allura f'dan il-kuntest l-agir tal-konvenut l-iehor kien gustifikat, u dan agixxa *pari passu* ma' dak li ddecieda skond il-ligi l-konvenut l-iehor.

Illi dwar din l-applikazzjoni Joseph Gauci, dak iz-zmien Assistent Kummissarju tal-Pulizija sostna li bejn in-1987 u Gunju 1993 minn 42 applikazzjoni kienet il-*policy* li ma jinghatx tali permess ghalkemm f'kaz wiehed ta' Future Enterprises dan kien inghata ghaliex tali magni kienu intenzjonati sabiex jigu utilizzati biex jigu immuntati kaxxi tal-loghob, tant li kien inghata lill-kumpanija post mill-M.D.C ghal dan l-iskop. Pero' jirrizulta wkoll li fuq *duty entry Numru 803423* fuq John A. Said ghan-nom tas-socjeta' E.T. (Exports/Imports) Limited l-istess Pulizija kienu fil-21 ta' April 1989 indikaw li ma kellhomx oggezzjoni ghall-importazzjoni ta' *200 Pin Tables* f'Malta, tant li l-licenzja harget mid-Dipartiment tal-Kummerc fil-24 ta' April 1989.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghalkemm tirrizulta li hemm certu inkonsistenza fl-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-kazijiet kollha hemm indikati meta imqabbel ma dak hawn fuq appena accenat, anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni ir-regolamenti intitolati ***Use of Amusement Machines (Restriction) Regulations, 1988,*** xorta jibqa' l-fatt li ma jirrizultax mill-provi prodotti mill-attur, li huwa pprezenta xi *duty entry* ghar-rigward tal-istess *amusement machines* mertu tal-kawza odjerna, anzi jidher ammess mill-istess attur, li huwa qed jghid b'mod kategoriku li huwa ma pprezenta l-ebda *duty entry* dwar l-istess magni.

Illi fin-nuqqas tal-istess ma jistax jinghad allura li l-attur kien qed jimxi skond il-ligi, ghaliex dejjem jibqa' l-fatt li l-istess

attur fiz-zmien relevanti ta' importazzjoni tal-istess oggetti ma kellux id-dokumenti ghall-importazzjoni tal-istess *in regola,* u allura formalment t-talba tieghu ghall-importazzjoni tal-istess u ghall-hrug tal-licenzjaa relattiva qatt ma setghet tigi kkunsidrata, dment li l-istess attur ma jottemperax ruhu mal-ligi, u jipprezenta u jirranga d-dokumenti relattivi.

Illi fil-fatt in sostenn ta' dan jidher li lanqas id-*delivery notes*, irrangati minn dik originali, qatt ma gew ipprezentati formalment mill-attur, tant li x-xhieda ta' John Ellul Sullivan, tikkonferma dan, u dan in relazzjoni mad-dokumenti esebiti a fol. 150 u 151 tal-istess process, datati rispettivament 22 ta' Lulju 1988, tant li ma jidher li hemm ebda timbru ufficcjali dwarhom.

Illi fil-fatt anke fil-kontro-ezami tieghu, l-istess attur jammetti li huwa baqa' ma ipprezentax l-applikazzjoni ghad-*duty entry* tad-Dwana, u la darba qatt ma sar l-istess dokument, ma setghet qatt tigi kkunsidrata it-talba tal-attur kemm ghall-importazzjoni u kemm licenzjar tal-istess merkanzija, ghaliex l-approvazzjoni taz-zewg konvenuti u l-licenzja tad-Dipartiment tal-Kummerc, kellha necessarjament tigi indikata fuq l-istess dokument.

Illi ghalhekk kien l-agir jew nuqqas ta' agir tal-istess attur, li naqas li jsegwi l-procedura indikata, li wassal lill-konvenuti sabiex ma jirrilaxawx il-merkanzija minnu indikata, u f'dan il-kuntest allura ma jistax jinghad li l-konvenuti kienu b'xi

mod responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-istess attur, peress li jidher li l-istess konvenuti, t-tnejn fil-kwalita' taghhom premessa, agixxew skond il-ligi, u rrifjutaw li jaghtu l-permessi necessarji ghall-importazzjoni tal-istess merkanzija, ghaliex l-istess attur fiz-zmien relevanti, ma kellux id-dokumenti ta' importazzjoni skond il-ligi, sabiex tali talba tieghu setghet tigi kkunsidrata u konsegwentement milqugha.

Illi ghalhekk kontrarjament ghal dak li sostna l-attur meta irrefera ghall-**artikoli 1031, 1032, 1033 tal-Kap 16** in sostenn tat-tezi tieghu, jirrizulta mill-provi li kien proprju l-agir tal-attur innifsu, w in-nuqqas tieghu li jottempera ruhu mal-ligi, u jipprovdi d-dokumenti relattivi, li waslu sabiex tali merkanzija ma tigix rilaxxata, u ghalhekk anke taht dan l-aspett jezisti ness ta' kazwalita' bejn l-allegati danni allegatament sofferti mill-attur u l-agir tal-istess attur b'mod li kien l-attur li ma ottemporax ruhu mad-disposizzjonijiet tal-ligi ghar-rilaxx tal-istess merkanzija.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu milquha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru, 2001.**